



IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Brussell, 15.12.2021
SWD(2021) 460 final

DOKUMENT TA' ĦIDMA TAL-PERSUNAL TAL-KUMMISSJONI
SOMMARJU EŻEKUTTIV TAR-RAPPORT TAL-VALUTAZZJONI TAL-IMPATT

Li jakkumpanja d-dokument

Proposta għal REGOLAMENT TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL

dwar it-tnaqqis tal-emissjonijiet tal-metan fis-settur tal-enerġija

{COM(2021) 805 final} - {SEC(2021) 432 final} - {SWD(2021) 459 final}

Skeda tas-Sommarju Eżekuttiv
Valutazzjoni tal-impatt dwar proposta għal att leġislativ biex jitnaqqsu l-emissjonijiet tal-metan fis-setturi taż-żejt, tal-gass u tal-fossili
A. Ħtieġa li tittieħed azzjoni
X'inhi l-problema u għaliex hi problema fil-livell tal-UE?
Il-Patt Ekoloġiku Ewropew ipoġġi lill-UE fuq triq lejn in-newtralità klimatika sal-2050 permezz tad-dekarbonizzazzjoni profonda tas-setturi kollha tal-ekonomija. Il-metan huwa gass serra potenti u jiġi t-tieni wara d-diossidu tal-karbonju fil-kontribuzzjoni ġenerali tiegħu għat-tibdil fil-klima u huwa responsabbli għal madwar terz tat-tiżhin tal-klima attwali. Il-Grupp Intergovernattiv ta' Esperti dwar it-Tibdil fil-Klima jinnotta li t-tnaqqis profond fl-emissjonijiet tal-metan irid jinkiseb sal-2030 sabiex id-dinja tibqa' taħt il-mira globali tat-temperatura tal-2050 ta' inqas minn 1,5 C (jew saħansitra 2 C). L-impatt tal-Pjan dwar il-Mira Klimatika għall-2030 jindika li l-aktar iffrankar kosteffettiv tal-emissjonijiet tal-metan jista' jinkiseb fis-settur tal-enerġija. Dawn l-emissjonijiet huma problema transfruntiera u t-trattament regolatorju mhux ikkoordinat fl-Istati Membri u fis-setturi joħloq lakuni u ineffiċjenzi u jista' tfixkel il-funzjonament tas-suq uniku tal-UE għall-enerġija. Peress li l-maġġoranza tal-emissjonijiet tal-metan marbuta mal-enerġija fossili kkonsmata fl-UE sseħħ barra mill-UE, l-azzjoni konġunta mill-Istati Membri biss tista' twassal għal riżultati f'dan il-qasam.
X'jenħtieġ li jinkiseb?
L-objettiv ġenerali huwa, fil-kuntest tal-funzjonament tas-suq intern għall-enerġija u filwaqt li tiġi żgurata s-sigurtà tal-provvista fl-Unjoni, li l-ambjent jiġi ppreservat u mtejjeb billi jitnaqqsu l-emissjonijiet tal-metan mill-enerġija fossili prodotta jew ikkonsmata fl-UE. L-objettivi speċifiċi huma 1) li tittejjeb il-preċiżjoni tal-informazzjoni dwar is-sorsi ewlenin tal-emissjonijiet tal-metan assoċjati mal-enerġija kkonsmata fl-UE, 2) li tiġi żgurata aktar mitigazzjoni effettiva tal-emissjonijiet tal-metan tul il-katina tal-provvista tal-enerġija fl-UE u 3) li jitnaqqsu l-emissjonijiet tal-metan relatati mal-enerġija fossili importata fl-UE.
X'inhu l-valur miżjud ta' azzjoni fil-livell tal-UE (sussidjarjetà)?
It-tnaqqis tal-emissjonijiet tal-metan madwar l-UE jibbenefika minn approċċ ta' politika armonizzata fil-livell tal-UE minħabba l-interkonnessjoni qawwija bejn l-Istati Membri permezz tal-infrastruttura transfruntiera u s-suq tal-enerġija integrat tal-UE. L-azzjoni kkoordinata fil-livell tal-UE għandha ċans ħafna akbar li twassal għal tnaqqis aċċellerat fl-emissjonijiet tal-metan fis-settur tal-enerġija tul il-katina tal-valur u tiffaċilita l-kunsiderazzjoni sħiħa tal-kapaċitajiet differenti li taġixxi fost l-Istati Membri u l-entitajiet privati. L-UE u l-Istati Membri tagħha huma parti minn suq globali taż-żejt li fih l-azzjoni kollettiva ġgħorr aktar piż fil-konfront tal-esportaturi mill-miżuri nazzjonali individwali. L-UE hija wkoll l-akbar suq tal-importazzjoni tal-gass fid-dinja u l-politika dwar il-metan fil-livell tal-UE żżid valur sinifikanti għall-azzjoni internazzjonali dwar il-klima.
B. Soluzzjonijiet
X'inhuma d-diversi għażliet biex jinkisbu l-objettivi? Hemm għażla ppreferuta jew le? Jekk le, għaliex?
Il-qasam ta' politika 1 iqis l-għażliet li jittejjbu l-kejl u r-rapportar tal-emissjonijiet tal-metan fis-settur tal-enerġija billi l-kumpaniji jiġu obbligati li jwettqu l-kejl fil-livell tal-assi u jirrapportaw l-emissjonijiet diretti tal-metan għall-attivitajiet ekonomiċi fit-territorju tal-UE. Il-qasam ta' politika 2 jinkludi għażliet għall-mitigazzjoni tal-emissjonijiet tal-metan fil-livell tal-UE, u jinkludi l-gwida tal-Kummissjoni jew miżuri obligatorji dwar il-mitigazzjoni tal-emissjonijiet tal-metan fis-setturi taż-żejt u tal-gass fossili, il-miżuri obligatorji dwar il-mitigazzjoni tal-emissjonijiet tal-metan fis-setturi taż-żejt, tal-gass fossili u tal-faħam kif ukoll l-emissjonijiet indiretti u miżura leġislattiva biex jinkiseb ċertu tnaqqis fl-emissjonijiet tal-metan permezz ta' rekwiżit tal-prestazzjoni. Il-qasam ta' politika 3 jinkludi għażliet dwar il-kejl, ir-rapportar u l-mitigazzjoni tal-emissjonijiet tal-metan marbuta mal-konsum tal-fjuwil fossili tal-UE iżda li jseħħu barra mill-UE, inkluż l-għodod ta' trasparenza, il-kejl obligatorju, ir-rapportar u l-mitigazzjoni tal-emissjonijiet tal-enerġija fossili, it-trasparenza dwar il-kejl, ir-rapportar u l-mitigazzjoni tal-

emissjonijiet tas-settur tal-enerġija fossili, u l-miżuri leġiżlattivi biex jinkiseb ċertu ammont ta' tnaqqis fl-emissjonijiet tal-metan.

L-oqsma ta' politika kollha jinkludu l-għażla li kolloxx jibqa' kif inhu. Ġew identifikati l-għażliet ippreferuti għat-tliet oqsma ta' politika.

X'inhuma l-fehmiet tal-partijiet ikkonċernati differenti? Liema għażla u min jappoġġaha?

Il-partijiet ikkonċernati esprimew appoġġ mifrux għall-iżvilupp ta' standard sod ta' kejl, rapportar u verifika (MRV) għall-emissjonijiet tal-metan fis-settur tal-enerġija. Fil-konsultazzjoni pubblika miftuħa (OPC), 78 % tar-risposti kienu favur li l-parti taż-żejt u l-gass tal-proposta tal-MRV tkun ibbażata fuq il-metodoloġija tas-Sħubija dwar il-Metan miż-Żejt u mill-Gass, li hija appoġġata wkoll mill-assoċjazzjonijiet tal-kummerċ taż-żejt u tal-gass kollha tal-UE. Hemm appoġġ kbir ħafna għall-inklużjoni taż-żejt f'regolament dwar l-MRV (96 % tar-risposti għall-OPC), inkluż mill-industrija tal-faħam.

Hemm appoġġ mifrux għall-miżuri leġiżlattivi biex jiġu mmitigati l-emissjonijiet fis-setturi taż-żejt, il-gass fossili u l-faħam. L-assoċjazzjonijiet tal-industrija taż-żejt u l-gass li pprovdew risposta għall-OPC esprimew appoġġ biex fil-leġiżlazzjoni tal-UE jiddaħħal obbligu dwar id-detezzjoni u t-tiswija tat-tnixxijiet (LDAR), u l-NGOs ukoll jappoġġaw dan l-obbligu bil-qawwa. L-NGOs kollha u r-rispondenti tal-industrija għall-OPC jemmnu li huwa fattibbli li l-ivventjar u l-ivvampjar ta' rutina assoċjat mal-enerġija prodotta u kkonsmata fl-UE jiġi gradwalment eliminat. Fir-rigward tal-inklużjoni tal-miżuri ta' mitigazzjoni tal-metan mill-minjieri tal-faħam, il-konsultazzjoni pubblika pproduċiet appoġġ kbir u mifrux (80 % tar-risposti).

Tnejn u disgħin fil-mija tar-risposti għall-OPC jappoġġaw il-leġiżlazzjoni tal-UE dwar l-emissjonijiet tal-metan fis-settur tal-enerġija li tkopri ż-żejt u l-gass kollu li jidhul fis-suq tal-UE. B'mod speċifiku, 96 % tar-risposti jappoġġaw l-iżvilupp ta' għodda ta' trasparenza tal-metan fil-livell internazzjonali u tal-UE. 72 % tar-risposti jqisu li l-leġiżlazzjoni tal-UE dwar l-emissjonijiet tal-metan fis-settur tal-enerġija għandhom jestendu l-obbligi għall-kumpaniji li jimportaw l-enerġija fossili fl-UE/il-kumpaniji li jesportaw l-enerġija fossili lejn l-UE, u 65 % tar-risposti jqisu li huwa fattibbli li l-istess obbligi jiġu imposti fuq l-MRV, l-LDAR u l-ivventjar u l-ivvampjar b'mod ugwali fuq l-atturi kollha tal-katina tal-valur taż-żejt u l-gass għaż-żejt u l-gass ikkonsmati fl-UE, inkluż l-atturi barra mill-UE.

C. Impatti tal-għażla ppreferuta

X'inhuma l-benefiċċji tal-għażla ppreferuta (jekk hemm, inkella x'inhuma dawk ewlenin)?

Qasam ta' politika 1: Jimponi l-obbligu ta' kejl u rapportar dettaljat (fil-livell tal-assi) fuq is-sorsi fossili diretti kollha tal-emissjonijiet tal-metan fis-settur tal-enerġija tal-UE. Il-benefiċċju ewlieni huwa li dan se jtejjeb il-livell ta' rapportar ta' dawn l-emissjonijiet u se jżid il-fehim tas-sorsi u l-kobor ta' dawk l-emissjonijiet li se jwassal għal tnaqqis aktar effettiv tal-emissjonijiet assoċjati.

Qasam ta' politika 2: Jimponi l-obbligi li jiġu mmitigati l-emissjonijiet tal-metan fuq is-sorsi fossili diretti kollha taż-żejt, il-gass fossili u l-emissjonijiet tal-metan relatati mal-faħam fis-settur tal-enerġija tal-UE, f'termini tad-detezzjoni u t-tiswija tat-tnixxijiet u l-miżuri biex jiġu llimitati l-ivventjar u l-ivvampjar. Dawn se jwasslu għal aktar tnaqqis tal-emissjonijiet tal-metan meta mqabbla max-xenarju fejn kolloxx jibqa' kif inhu, bil-benefiċċji ambjentali u soċjali assoċjati f'termini tat-trażżin tat-tibdil fil-klima u t-tnaqqis tat-tniġġis tal-arja.

Qasam ta' politika 3: Iressaq diversi strumenti ddedikati għat-titjib tal-informazzjoni dwar is-sorsi tal-emissjonijiet tal-metan mill-pajjiżi li jesportaw l-enerġija fossili lejn l-UE kif ukoll inċentivi għal dawk il-pajjiżi biex inaqqsu l-emissjonijiet tal-metan tagħhom b'mod volontarju jew miżuri vinkolanti biex jiksbu t-tnaqqis. B'mod simili għall-qasam ta' politika 2, it-tnaqqis globali tal-emissjonijiet tal-metan se jkollu benefiċċji ambjentali u soċjali għall-UE b'mod partikolari f'termini tat-trażżin tat-tibdil fil-klima.

X'inhuma l-kostijiet tal-għażla ppreferuta (jekk hemm, inkella x'inhuma dawk ewlenin)?

Qasam ta' politika 1: L-ebda kwantifikazzjoni pubblika tal-kostijiet mhi disponibbli, il-valutazzjoni tal-impatt huwa għalhekk ibbażat fuq stimi volontarji mwettqa sal-lum mill-industrija u l-input kwalitattiv tagħhom, b'kont meħud li hemm appoġġ qawwi fost il-partijiet ikkonċernati, inkluż l-industrija nnifisha, biex jiġi implimentat dan l-obbligu.

Qasam ta' politika 2: 127 miljun euro f'kostijiet netti mġarrba mill-operaturi; Ma kien disponibbli l-ebda kost ikkwantifikat tal-verifikazzjoni tal-konformità u tal-infurzar iżda l-livell ta' benefiċċji kwantitattivi huma tant sinifikanti meta mqabbla mal-kostijiet tal-miżuri tat-tnaqqis għall-kumpaniji, li d-differenza bejn dawn it-tnejn hija mistennija li tkopri dawn il-kostijiet kollha b'mod adegwat ferm; Ma kien disponibbli l-ebda impatt ikkwantifikat tal-kostijiet tal-miżuri tat-tnaqqis dwar il-prezzijiet tal-enerġija iżda l-kostijiet tal-miżuri għall-operaturi (127 miljun euro) mhumiex sinifikanti meta mqabbla mal-kostijiet ġenerali tal-UE għax-xiri taż-żejt, il-gass fossili u l-faħam (184 biljun euro fl-2020/287 biljun euro fl-2019) b'tali mod li jkunu negliġibbli.

Qasam ta' politika 3: Ma kien disponibbli l-ebda kost ikkwantifikat tal-miżuri għat-tnaqqis tal-emissjonijiet tal-metan li jseħħu fl-esteru iżda li huma marbuta mal-konsum tal-UE tal-enerġija fossili. L-istimi tal-kostijiet totali tal-miżuri kollha tat-tnaqqis f'kampjun tal-pajjiżi li jesportaw l-aktar żejt u gass fossili minflok intużaw bħala indikatur. Fuq livell soċjali/ambjentali ottimali tat-tnaqqis, dawn jammontaw għal 2,216-il miljun euro; Ma kien disponibbli l-ebda kost ikkwantifikat tal-verifikazzjoni tal-konformità u tal-infurzar iżda l-livell ta' benefiċċji kwantitattivi f'kampjun tal-pajjiżi li jesportaw l-aktar żejt u gass fossili lejn l-UE huma tant sinifikanti meta mqabbla mal-kostijiet tal-miżuri tat-tnaqqis mal-kumpaniji, li d-differenza bejn dawn it-tnejn hija mistennija li tkopri dawn il-kostijiet kollha b'mod adegwat ferm; Ma kien disponibbli l-ebda impatt ikkwantifikat tal-miżuri tat-tnaqqis fuq il-prezzijiet tal-enerġija iżda l-livell tal-kostijiet f'kampjun tal-pajjiżi li jesportaw l-aktar żejt u gass fossili lejn l-UE huwa baxx (2,607 miljun euro) meta mqabbel mal-kostijiet tal-UE għax-xiri taż-żejt, il-gass fossili u l-faħam (184 biljun euro fl-2020/287 biljun euro fl-2019) li aktarx ma jkun sinifikanti.

X'inhuma l-impatti fuq l-SMEs u l-kompetittività?

L-operaturi tal-faħam, tal-gass fossili u taż-żejt responsabbli għall-emissjoni tal-metan tul il-ktajjen tal-valur mhumiex intrapriżi żgħar. L-impatti fuq il-kompetittività mhumiex mistennija għall-kumpaniji fi ħdan l-UE minħabba li lkoll se jkunu obbligati b'mod ugwali mill-miżuri proposti fl-għażliet ppreferuti fl-oqsma ta' politika 1 u 2. L-għażla ppreferuta fil-qasam ta' politika 3 hija dik l-aktar probabbli li tnaqqas l-impatti fuq il-kompetittività tal-operaturi tal-UE peress li hija l-għażla li għandha l-għan li tikseb kundizzjonijiet ekwivalenti.

Se jkun hemm impatti sinifikanti fuq il-baġits u l-amministrazzjonijiet nazzjonali?

Mhux fl-UE. Filwaqt li l-miżuri inklużi fl-għażliet ppreferuti se jwasslu għal kostijiet u piż amministrattiv żejjed fl-UE, dawn mhux se jkunu sinifikanti għar-raġunijiet ewlenin li ġejjin: fir-rigward tal-qasam ta' politika 1, ir-rapportar tad-data dwar l-emissjonijiet tal-metan diġà qed jitwettaq mill-Istati Membri tal-UE; fir-rigward tal-qasam ta' politika 2, il-verifika tal-miżuri għat-tnaqqis tal-emissjonijiet tal-metan diġà qed titwettaq mill-Istati Membri tal-UE. Fil-qasam ta' politika 3 f'pajjiżi mhux tal-UE b'regolamenti dwar il-metan minimi jew ineżistenti, il-kostijiet u l-piż amministrattiv se jkunu akbar.

Se jkun hemm impatti sinifikanti oħra?

Le.

Proporzjonalità?

Is-sett ta' għażliet ippreferuti huwa meqjus proporzjonat u jibni sa fejn possibbli fuq l-approċċi eżistenti. Il-bilanċ bejn l-obbligi u l-kunsiderazzjoni tal-kapaċitajiet differenti li jaġixxu fost l-Istati Membri u l-entitajiet privati huwa meqjus xieraq minħabba l-ħtieġa imperattiva li tinkiseb in-newtralità klimatika.

D. Segwitu

Meta se tiġi rieżaminata l-politika?
Il-Kummissjoni se timmonitorja l-implimentazzjoni tal-att legali u l-applikazzjoni korretta. Jekk meħtieġ, il-Kummissjoni se tieħu azzjoni ta' infurzar, inkluż proċeduri ta' ksur.